

# 25 sena mill-mewt tal-artist ċelebri Malti... IL-KAV. EMVIN CREMONA (1919-1987)

kitba ta' Silvio Cassar

Pittur li spikka wara t-tmiem tat-tieni gwerra dinjija kien il-Kavallier Emmanuele Vincenzo Cremona jew aħjar kif kien magħruf Emvin Cremona. Ħafna jqisuh bħala wieħed mill-aqwa pitturi li żejjen il-knejjes tagħna fis-seklu 20. Twieled fil-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju 1919.



Ta' età żgħira interessa ruħu fil-qasam tal-arti tant li mar jistudja fil-Malta School of Arts taħt Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion. Fl-1938 Cremona mar Ruma fejn studja fir-Regia Accademia delle Belle Arti. Studja wkoll fi Slade School University College f'Londra u f'Ecole Superior des Beaux Arts f'Pariġi. Wara t-tieni gwerra dinjija beda jgħallem l-arti fil-Malta School of Arts.

**Xogħlijiet ta' Cremona**

Cremona esibixxa jew għandu xogħlijiet esibiti ibda mill-Kwartieri Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fi New York sal-World Health Organization f'Ġinevra, u kompli minn Londra sa Venezja, Ruma, Edinburgh, Anzio, Monte Carlo, Osaka u Amsterdam. Għamel ukoll pittura li ġiet ippreżentata lir-Reġina Eliżabetta II fl-1970. Anke kien għamel esibizzjoni fl-okkażjoni tal-25 sena tar-Reġina Eliżabetta II bħala Kap tal-Commonwealth.

Kien l-artist ukoll ta' diversi qxur ta' kotba importanti. Kien id-disinjatur ewlieni tal-bolol fis-snin ħamsin, sittin u sebgħinijiet. Filatelisti jqisu li Emvin kien għolla l-livell tal-bolol lokali. Jibqa' magħruf ukoll għas-sehem tiegħu fid-disinji għaċ-ċelebrazzjonijiet Pawlini fl-1960.

Wara l-gwerra u lejn il-ħamsinijiet u s-sittinijiet, Cremona kien fuq quddiem u mfittex għall-arti sagra fil-Knejjes imxerrdin f'pajjiżna. Impossibli li nagħtu l-firxa kollha għax hija kbira wisq. Però tajjeb li nsemmu uħud mix-xogħlijiet f'pajjiżna, ibda mill-Knisja Parrokkjali tal-Imsida ddedikata lil San Ġużepp fejn hemm esegwixxa l-ewwel xogħol sagru tiegħu, u kompli bil-Knisja tad-Dumnikani fil-Birgu bil-kwadru titulari tal-Annunzjazzjoni, bil-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata f'Ħal Balzan, il-Knisja Arċipretali tal-Furjana, il-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor f'Tas-Sliema, f'Ħal Għaxaq, 20 pittura għas-Santwarju Ta' Pinu f'Għawdex, f'Burmarrad, il-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid u l-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun.

### Il-Kav. Emvin Cremona u l-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun




Emvin Cremona kien joqgħod il-Ħamrun viċin fejn hemm l-Iscouts. Ma setax jonqos li l-kleru tal-Knisja Parrokkjali mmexxi minn Dun Nerik Cordina Perez, Ħamruniż, li serva bħala Kappillan bejn l-1934 u l-1956, iqabbad l-aħjar artist f'dik l-epoka u li kien joqgħod fil-Ħamrun stess. Cremona ħa ħsieb it-tlestija tal-koppla u l-pittura fejn hawn insibu partijiet mill-ħajja ta' San Gejtanu filwaqt li fis-saqaf tal-korsija tal-knisja nsibu t-12-il Appostlu. Ma' dan ix-xogħol irridu nżidu d-dekorazzjoni kollha tal-Knisja. Wara Dun Nerik leħaq Dun Mattew Chircop li serva bħala Kappillan bejn l-1957 u l-1978. Fi żmienu tkompla x-xogħol ta' tisbieħ ġewwa il-knisja San Gejtanu mill-istess Cremona.





Ma kien hemm l-ebda dubju dwar l-għażla ta' Cremona sabiex juri t-talenti tiegħu f'opri artistiċi li kellu jesegwixxi fil-Knisja Parrokkjali Ħamruniża. Hu bidel l-istil kompletament ta' kif kienet il-Knisja. L-artal maġġur kif imdorrijin naraw fi Knejjes oħra, inbidel kompletament u saret il-mejda/artal kif ried il-Konċilju Vatikan II. Jingħad li l-ewwel artal kien magħmul minn irħam rikk ħafna. Cremona bidel kompletament l-artali tal-ġnub kif ukoll neħħa l-iskultura tas-simboli li kull kwadru kellu. Illum insibu l-konfessjonarji li ħadu post l-artali.



Bħal kull ħaġ'oħra fid-dinja, issib dawk li jaqblu u dawk li jkunu kontra. L-istess jingħad għall-poplu Ħamruniż li dwar l-eżekuzzjoni tax-xogħol ta' Cremona, kien hemm minn qabel mat-tibdil kbir li sar għax il-Knisja ġiet aktar aġġornata u resaq aktar lejn l-arti kontemporanja bil-kuluri tal-vjola, iswed u deheb li juża Cremona. Mill-banda l-oħra nsibu lil dawk


EGO LVX
SVM MVNDI
AVGVSTINVS


TERRIS PRAESIDIO IN COELIS



li opponew għal bdil ta' ħafna xogħlijiet li neħħa Cremona fosthom ukoll kwadru tal-mewt ta' San Gejtanu li kien fuq il-bieb maġġur u llum insibu arloġġ. Dan kien sar fis-sena 1932 minn Rafel Bonnici Calì. Dan il-kwadru jkun għall-wiri fil-knisja matul il-festa. Il-pittura tal-arzella li kienet ta' Ramiro Calì u li kienet turi d-dħul ta' San Gejtanu fil-ġenna, ġiet mibdula minn Cremona li fuqha waħħal pittura fejn fiha tispikka t-Trinità Qaddisa. Dwar din ukoll hemm ħafna opinjonijiet differenti



Battuta ħelwa ta' Cremona qalhieli l-Aġent Patrun tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, s-Sur Horace Muscat. Darba fost l-oħrajn Cremona kien mistieden fil-Każin San Gejtanu u eżatt ħdejn l-uffiċċju tas-Segretarju hemm kwadru f'niċċa ta' San Gejtanu li kellu xemgħa tixgħel quddiemu. Emvin pront dar fuq il-membri tal-Kumitat u qalilhom, "Itfu dik ix-xemgħa jekk tridu ssalvaw kwadru ta' San Gejtanu li għandu mat-300 sena." Horace temm jgħidli li x-xemgħa ntfiet dak il-ħin stess, u għadha mitfija.

**Il-Kav. Emvin Cremona skont iċ-ċeramista Gabriel Caruana M.Q.R.**

Stajt infittex fuq diversi kittieba li studjaw ħajjet Cremona, però jien għażilt li nagħmel taħdita maċ-ċeramista Gabriel Caruana M.Q.R. biex nara min kien Emvin Cremona aktar fil-viċin. Gabriel spjega li l-ewwel kuntatt li kellu ma' Emvin kien fil-Malta School of Arts meta kienet fi Strada Forni l-Belt Valletta. "Kien jgħallimni d-disinn u aktar minn għalliem u student, inħoss li bejnietna li kien hemm differenza ta' 10 snin, daħlet ħbiberija artistika fuq kollox."

L-ewwel konnessjoni artistika ma' Emvin, Gabriel spjegali li kienet fl-Iskola tal-Arti. "Niftakru jgħidli li ħa jibda x-xogħol tal-pittura għall-koppla tal-Ħamrun." Filfatt l-ewwel xogħol tiegħu fil-Knisja kien billi neħħa minn fuq l-arzella x-xena li turi l-Glorja ta' San Gejtanu ta' Ramiro Calì u għamel pittura tat-Trinità bil-figura ta' Ġesù dominanti. Imbagħad wara l-ftuħ tal-koppla fis-sena 1955 beda x-xogħol tal-pittura u d-dekorazzjoni tagħha minn Cremona. Gabriel Caruana kompla hekk, "F'raħal twelidi Ħal Balzan, kont tlajt miegħu fuq inwaħħlu t-tila mas-saqaf; kienet esperjenza għalija li nitla' ngħin artist ta' fama u li tant sebbaħ knejjes Maltin."

"Konna ħbieb ukoll fil-Karnival Nazzjonali," saħaq Gabriel. Hu wera li mingħand Cremona tgħallem ħafna speċjalment meta ħadmu għal xhur sħaħ fi preparazzjoni taċ-ċentinarju Pawlin tas-sena 1960, li kien qed jimmarka ċ-ċelebrazzjonijiet tad-dsatax-il ċentinarju min-Nawfraġju ta' San Pawl. "Ħdimna qatigħ flimkien fuq il-palk li nbena apposta fuq il-Fosos kif ukoll ħdimna flimkien fil-Wirja Pawlina li kienet saret fl-istess żmien fl-Istitut Kattoliku." Hu kompla jgħidli li d-disinn u d-dekorazzjonijiet tat-Tribuna kienu ta' Cremona filwaqt li Gabriel kien ħa ħsieb is-sistema tad-dawl. "Niftakar li konna ħriġna bl-unuri għax konna ġejna mfaħħrin ħafna fix-xogħol kollu marbut mat-Tribuna u mas-sistema tad-dawl. Dak iż-żmien kien avveniment importanti għal pajjiżna għax fuq it-Tribuna kien ser jieħu sehem il-Kardinal Legat tal-Papa l-Ġermaniż Aloysius Muench u l-Kardinal Traglia." Caruana kompla jgħidli li s-sistemi tad-dwal użata fuq il-palk kienet waħda moderna għal dak iż-żmien. "Tellajna esibizzjoni wkoll fl-Istitut Kattoliku u l-pitturi li Cremona għamel għall-palk kollha għadhom miżmuma b'tifkira fl-Istitut Kattoliku," temm jgħidli Gabriel. Kumment li għadda Gabriel fi tmiem it-taħdita dwar il-Kav. Cremona kien li Emvin hu artist prolifiku għax esegwixxa xogħlijiet kbar u dejjem ried jadatta għal diversi stili ta' xogħol li sar qabel. Biżżejjed tieħu eżempju dak li sar fil-Knisja tal-Imsida fejn kompla wara x-xogħol ta' Anton Inglott (1915-1945) u f'Ħal Balzan wara x-xogħlijiet tal-Calì. Cremona ried jabbina l-istil tiegħu mal-artisti li ħadmu qabel ħalli l-istili jkunu jaqblu. U fiż-żewġ każijiet Cremona wera kapaċità massima kemm fl-użu ta' kuluri, fis-suġġett u fl-artistrija tal-pittura.

Il-Pittur Kav. Emvin Cremona miet fid-29 ta' Jannar 1987. Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja ta' San Publiju l-Furjana u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata.